MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 13/2014

**Victor Muscat (KI-725840M)**

**Vs**

**Jelad Almani (K.I. 21450A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u mitejn Ewro (€2,200) rapprezentanti din is-somma arretrati ta' kera dovuti fuq showroom 219, Fajsu Auto Dealer, Naxxar Road, Birkirkara liema showroom kienet mikrija lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment u ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi dan it-Tribunal mhux kompetenti u se mai hija l-Bord li Tirregola l-Kera li ghandha l-kompetenza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qieghed jigi reklamat gja thallas u l-esponenti ma ghadu jaghti xejn lir-rikorrenti u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-process u ra l-verbal tat-3 ta’ Marzu, 2015 fejn thalliet ghas-sentenza.

B’ sentenza mghotija nhar it-23 ta’ Gunju, 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal u kompla bis-smigh tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi mill-provi hareg illi l-attur kera l-fond tieghu ossia Showroom ‘Fajsu Auto Dealer’, Naxxar Road, Birkirkara lill-konvenut. Illi skont Victor Muscat il-konvenut ma ridtx ihallsu imma ried jaghtih karozza minflok pero hu ma accetax. Kellu jidhol il-Qorti biex johrog mill-fond. Iddikjara illi kienu ghamlu skrittura privata bejnithom fejn kien ta’ lill-konvenut tlett xhur cans biex johrog mill-fond. Kien diga b’lura ghall-tlett xhur izda ghad ghandu jtih ta’ sitt (6) xhur u dan minhabba l-iskrittura. Il-kirja kienet ta’ tmien liri Maltin (Lm8) kuljum. Kien ilu ghandu hames (5) snin. Kien jifforma ktieb u dan kien ghand il-konvenut. In kontro ezami kkontesta l-fatt illi l-konvenut kien hallsu l-ahhar tlett (3) xhur qabel ma gedded ghal tlett (3) xhur ohra u qal li dejjem kien jitolbu ricevuta.

Xehed Jelad Alamani li ddikjara bil-gurament illi kien hallas ta’ (3) tlett xhur. Meta ntemmet il-kirja kien beda jikri faccata u infatti kellu jgib il-Pulizija ghaliex kien beda jdejjaqlu l-klijenti. Ikkontesta illi hu ghandu jaghti (6) sitt xhur kera lill-attur. Iddikjara li telaq f’Gunju, 2012. Kien ihallas bil-quddiem u infatti issaporta hafna nuqqasijiet fil-kirja bhal per ezempju kien jaqtalu d-dawl, ma ghamillux kamra ghat-toilet etc. Fi tmien (8) snin qatt ma tah ricevuta wahda. Ikkonferma illi l-attur kellu jaghmel kawza l-Qorti biex johorgu mill-fond u l-Qorti

kienet taghtu zmien biex johrog ghaliex ma kellhomx kuntratt imbaghad kienu ghamlu skrittura fejn ftehmu li jibqa hemm sa Gunju. Illi qatt ma kien jivverifika l-kontijiet tad-dawl imma kien ihallsu fuq talba tieghu u jhallas nofs ghaliex id-dar tal-attur hija mal-proprjeta`. Qatt ma offrielu karozza. Qatt ma tah ricevuta. Kien hemm habib tieghu prezenti li kien kiteb karta meta hallas. Il-habib jismu Bassan El Amami.

Xehed Martin Fenech li kkonferma illi l-iskrittura kien ghamilha hu fil-residenza taz-zewg partijiet pero ma zied xejn dwar hlasijiet.

Xehed Bassam El Amani, li ddikjara illi hu kien prezenti meta hallas il-konvenut. Il-hlas sar bi flus kontanti quddiemu. Kien kiteb id-dikjarazzjoni li l-hlas sar ghaliex il-konvenut ma kienx jaf jaqra u jikteb. Kien kiteb li l-flus thallsu. Il-konvenut ta din id-dikjarazzjoni lil Muscat li kien zamm il-karta. Ftakar li dan kien xahrejn qabel ma ntemmet il-kirja.

Illi meta it-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta' provi ghandu jara min huwa l-aktar kredibili. Ara **Farrugia vs Farrugia**[1] fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi sfortunament ma hemm ebda prova ohra hlief il-verzjonijiet tal-attur min-naha u tal-konvenut u l-habib tieghu Bassam El Amani. Illi l-attur fuq naha jghid illi ma thallasx il-kera u l-konvenut fuq in-naha l-ohra li jghid illi hallas pero illi qatt ma nghata ricevuti. Illi l-konvenut

[1] (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 t' Ottubru, 2003)

pero zied illi meta hallas kien hemm habib prezenti li kien kiteb dokument bejnithom. Illi pero` dan id-dokument ma giex prezentat lit-Tribunal ghall-verika ghaliex skont il-habib Bassam El Amani l-attur kien hadha mieghu. Illi qabel Gunju, 2012 il-partjiet ma kellhomx skrittura bejnithom pero` wara f'Jannar, 2012 dahlu fi ftehim ta' erba' (4) xhur. It-Tribunal m'ghandux ghazla hlief jara l-fatti kif prezentati in vista tal-fatt illi l-verzjoni tal-konvenut giet korroborat minn terzi li kien car fix-xhieda tieghu. It-Tribunal ihoss li ghandu joqghod fuq il-verzjoni tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------